# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 35**
**Rikors Guramentat Numru : 298/2016/LSO**

**Mary Cutajar (K.I 0302453M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Cutajar detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0302453M datat 12 ta' April 2014 fejn tesponi bir-rispett u tikkonferma dawn il-fatti bil-gurament : -

Illi l-esponenti hija armla ta' Carmel Cutajar detentur tal-karta tal-identita' numru 0179951M li gie nieqes nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif muri fl-Att tal-Mewt bin-numru 2923/2015 mmarkat bhala "Dok MC 1".

Illi hekk kif jirrizulta mill-anness estratt mir-registrazzjoni tal-mewt immarkat 'Dok. MC 1' tal-imsemmi Carmel Cutajar, fil-kolonna fejn jigi indikat jekk id-decujus kienx mizzewweg jew le l-esponenti hija erronjament indikata bhala kunjomha xebba *"Mifsud";*

Illi hekk kif jixhdu numru ta' atti fosthom, bhall-att tat-Twelid tal-esponenti, vera kopja ta' estratt ta' liema qieghed jigi mmarkat bhala 'Dok. MC 2'**,** l-kunjom tal-esponenti xebba huwa dak ta' *"*Gauci" u mhux *"Mifsud".* Illi dan jirrizulta wkoll mill-anness estratt mir-registrazzjoni taz-Zwieg, bejn l-esponenti u zewgha Carmel Cutajar, mmarkat bhala "Dok MC 3";

Illi effettivament l-izball huwa wiehed car u manifest, konsegwenza ta' liema zball inholoq inkonvenjent lill-esponenti *stante* illi ma tistax tipprocedi bil-proceduri tal-*causa mortis* ta' zewgha;

Illi *in vista* tas-suespost jinhtieg illi jigi korrett kunjom xebba tal-esponenti fuq l-att tal-mewt ta' Carmel Cutajar, sabiex jirrifletti l-verita' u cioe` illi l-kunjom xebba tal-esponenti fil-kolonna fejn jigi indikat jekk id-decujus huwiex mizzewweg

jew le; minn "Mary Cutajar nee' Mifsud" ghal "Mary Cutajar nee' Gauci";

Illi sussegwentement ghandu jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-att tal-mewt in kwisjtoni jigi kkoregut sabiex ikun korrett;

Ghaldaqstant, u *in vista* tas-suespost, l-esponenti bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvedimenti ohra illi jidhrilha xierqa u opportuni joghgobha:

a. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konjum xebba tal-esponenti kien 'Gauci' u mhux 'Mifsud';

b. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tal-Mewt bin-numru 2923/2015 tas-Sur Carmel Cutajar sabiex il-kunjom xebba tal-esponenti fil-kolonna fejn jigi indikat jekk id-decujus kienx mizzewweg jew le jigi jaqra 'Gauci';

c. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja kontra pagament lill-esponenti, certifikat intier tal-Mewt ta' Carmel Cutajar bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-31 ta' Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Gunju 2016 (fol 15) fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 18 IB (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikori.

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 2923/2015 skont kif mitlub mill-attrici fir-rikors in risposta.

4. Illi l-esponenti jeccepixxi illi l-azzjoni tal-attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u dan *stante* li kienet l-attrici stess li ddikjarat fil-formola *Notification of Death* (annessa u mmarkata bhala Dok A) illi kunjomha xebba huwa 'Mifsud'. Kienet l-attrici ukoll li ffirmat l-imsemmija dikjarazzjoni. Kwindi l-Att tal-Mewt ta' Carmel Cutajar gie komplut bl-informazzjoni illi provdiet l-attrici nifisha. *In vista* ta' dan l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispjjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Andrew Grima ghall-attrici prezenti u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. L-intimat jiddikjara li m'ghandux provi ulterjuri u rrimetta ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-24 ta' Novembru 2016 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjajra ghall-korezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254** saret debitament skont il-Ligi fit-13 ta' April 2016 (fol 13) u ghalhekk, it-tieni eccezzjoni hi sorvolata.

Illi jirrizulta li l-kunjom xebba tar-rikorrenti gie mnizzel fic-certifikat tal-mewt tar-ragel taghha bhala "Mifsud" u mhux "Gauci". Konsegwentement, ir-rikorrenti qed tipprocedi ghall-korrezzjoni ta' kunjomha xebba fic-certifikat tal-mewt ta' zewgha *stante* li minhabba f'hekk, ma tistax tipprocedi bid-dikjarazzjoni *causa mortis* aparti inkonvenjenzi u diffikultajiet ohra li qed tirriskontra.

In sostenn ghat-talba taghha, r-rikorrenti pprezentat affidavit taghha u affidavits ta' qraba. L-attrici fl-affidavit

taghha, ikkonfermat, li kunjomha xebba hu “Gauci” u mhux “Mifsud”, u wara l-mewt ta’ zewgha, kienet taht “shock” u ma ntebhitx bl-izball f’kunjomha fic-certifikat tal-mewt. Ulied ir-rikorrenti, Franklin Cutajar, u Annabel Fenech, ukoll, stqarru permezz ta’ affidavit li l-kunjom xebba ta’ ommhom hu “Gauci” u mhux “Mifsud”, u ghall-istess raguni bhal ommhom hadd ma ntebah bl-izball dakinhar tac-certifikat tal-mewt.

Illi tat ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, Dok MC2, (fol 4) u certifikat taz-zwieg Dok MC3 (fol 5) minn fejn jirrizulta li kunjomha xebba hu Gauci. Dawn id-dokumenti jaghmlu prova li kunjom xbubit ir-rikorrenti huwa Gauci u mhux Mifsud.

Izda, r-rikorrenti ma rnexxielhiex tipprova li sar zball da parti tal-intimat, fir-registrazzjoni tac-certifikat tal-mewt ta’ zewgha. Ic-certifikat tal-mewt gie esebit mill-istess intimat bhala Dok A (fol 17-18) u hu ffirmat mill-istess rikorrenti. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom xebba tar-rikorrenti kien “Gauci” u mhux “Mifsud”.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tal-Mewt numru 2923/2015 ta' Carmel Cutajar sabiex il-kunjom xebba tar-rikorrenti jigi korrett billi "Mifsud" jigi sostitwit b' "Gauci".

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja kontra pagament certifikat tal-mewt intier ta' Carmel Cutajar bil-korrezzjoni relattiva.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Novembru 2016**